MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 53/2004

**A**

***Versus***

**B**

F’din il-kawża l-attur qiegħed jitlob illi l-qorti tgħid illi ż-żwieġ tiegħu mal-konvenuta ma jiswiex.

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi l-partijiet kienu żżewġu fis-6 ta’ Marzu 1982, u minn dan iż-żwieġ kellhom tliet ulied: X, Y u Z. Infirdu b’sentenza mogħtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta’ Novembru 1999, u komplew jirregolaw il-firda b’kuntratt tal-5 ta’ Ġunju 2001 fl-atti tan-Nutar Sandra Valentino.

Il-kunsens tal-partijiet, jew ta’ parti minnhom, għaż-żwieġ hu milqut b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ ġudizzju fuq il-ħajja ta’ żwieġ, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, jew b’anomalija psikoloġika serja li tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet

essenzjali taż-żwieġ. Ukoll, il-kunsens tal-partijiet jew ta' xi parti minnhom inkiseb bl-esklużjoni pożitiva taż-żwieġ innifsu jew ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ. Ukoll, il-kunsens ta' l-attur inkiseb b'qerq dwar xi kwalità tal-parti l-oħra li tista' mix-xorta tagħha tfixkel serjament il-ħajja miżżewġa. Ukoll, il-kunsens tal-partijiet jew ta' xi parti minnhom inkiseb bi vjolenza, sew fiżika sew morali, jew biża'.

L-attur għalhekk qiegħed jitlob illi l-qorti tgħid illi ż-żwieġ bejn il-partijiet ma jiswiex; qiegħed jitlob ukoll l-ispejjeż.

Il-konvenuta ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

1. ma hemm ebda raġuni li tiswa fil-liġi għala ż-żwieġ għandu jiġi annullat, u r-raġunijiet mogħtija mill-attur huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt; u
2. iż-żwieġ jiswa, u din il-kawża hija biss "skuża" biex l-attur jerġa' jiżżewweġ, għax qiegħed igħix ma' persuna oħra u jrid jiżżewwiġha.

Il-fatti ta' din il-kawża seħħew hekk:

Il-partijiet kienu ltaqgħu u bdew joħorġu flimkien meta kienu għadhom żgħar fl-età: l-attur kellu tmintax-il sena u l-konvenuta kellha sittax. Għalkemm l-attur ma kellux ħsieb ta' żwieġ, għax kien għadu student, ma kellux flus u ma riedx irbit, ir-relazzjoni mill-ewwel saret intima. Ġara ili xi sentejn u nofs wara li nbdiet ir-relazzjoni l-konvenuta ħarġet tqila. Kien emminha meta qaltlu li kienet waqt *safe period* iżda issa jgħid illi qarrqet bih.

Għalkemm l-attur qal lil ommu bit-tqala, il-partijiet beżgħu jgħidu lill-ġenituri tal-konvenuta, u baqgħu li kellha tgħidilhom omm l-attur. Meta l-ġenituri tal-konvenuti kienu mgħarrfa b'dak li ġara, ħaduha bi kbira ħafna u lill-konvenuta keċċewha mid-dar u kellha tmur toqgħod ma' zija tagħha. Missier il-konvenuta għamel pressjoni kbira fuq l-attur biex jiżżewweġ lil bintu, u heddu illi jekk ma jiżżewwiġhiex kien sejjer jitfgħu l-ħabs. L-attur ħass ruħu magħfus ħafna; ħass li ma kellux għażla u għalhekk, kontra qalbu, aċċetta li jiżżewweġ. It-tħejjijiet saru kollha mill-konvenuta, u ż-żwieġ kien ċelebrat fi żmien xahar.

Iż-żwieġ ma rnexxiex; għalkemm kellhom żewġ ulied oħra wara l-ewwel wieħed, il-partijiet ma kellhomx komunikazzjoni bejniethom, u l-konvenuta wkoll bdiet relazzjoni ma' raġel ieħor. Kellhom ukoll problemi tal-flus.

Infirdu wara seba’ snin ta’ żwieġ, u mbagħad infirdu legalment b’sentenza mogħtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta’ Novembru 1999, u b’kuntratt tal-5 ta’ Ġunju 2001 fl-atti tan-Nutar Sandra Valentino.

L-attur qiegħed igħid illi ż-żwieġ tiegħu ma jiswiex għar-raġunijiet taħt l-art. 19(1)(*a*), (*ċ*), (*d*) u (*f*) ta’ l-Att dwar iż-Żwieġ [Kap. 255].

Dwar ir-raġuni taħt il-para. (*d*), l-attur igħid illi meta żżewġu l-partijiet ma kellhomx tħejjija għaż-żwieġ; qatt ma tkellmu dwar tfal, dwar fedeltà jew dwar permanenza taż-żwieġ; igħid illi kienu żgħar wisq u fil-fatt hu bil-kemm kien jifhem xi tfisser permanenza u illi la hu u, jidhirlu, lanqas hi ma kienu jafu sewwasew x’inhu żwieġ u x’inhuma d-dmirijiet u d-drittijiet li joħorġu miż-żwieġ.

Il-fatt illi l-partijiet iżżewġu ta’ età relativament żgħira ma jfissirx illi bilfors ma kellhomx id-diskrezzjoni ta’ ġudizzju meħtieħġa għaż-żwieġ; anzi, il-preżunzjoni tal-liġi hi illi min għandu l-età li trid il-liġi – l-età ta’ sittax-il sena[1] – għandu dik id-diskrezzjoni ta’ ġudizzju.

L-attur ma ressaq ebda prova ta’ nuqqas ta’ diskrezzjoni ta’ ġudizzju u jgħid biss illi ta’ dik l-età bilkemm kienu jafu sewwasew x’inhu ż-żwieġ.

Meta żżewġu l-attur kellu wieħed u għoxrin sena u l-konvenuta kellha tmintax; it-tnejn mhux biss kellhom l-età li trid il-liġi iżda kienu wkoll maġġorenni. Ma hemm ebda preżunzjoni ta’ nuqqas ta’ diskrezzjoni ta’ ġudizzju – anzi, kif rajna, il-preżunzjoni hija bil-maqlub – u fin-nuqqas ta’ provi ma hemm xejn li jegħleb il-preżunzjoni illi l-partijiet tassew kellhom id-diskrezzjoni ta’ ġudizzju li trid il-liġi.

L-istess jingħad għall-anomalija psikoloġika serja li tagħmilha impossibbli għal parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ; ma nġiebet ebda prova ta’ anomalija psikoloġika, u wisq anqas ta’ anomalija serja biżżejjed biex twassal biex iż-żwieġ ma jkunx jiswa.

Għalhekk fil-fehma tal-qorti ma ntweriex illi ż-żwieġ ma jiswiex għal xi raġuni taħt l-art. 1991)(*d*) tal-Kap. 255.

Għall-għanijiet tal-para. (*ċ*), *i.e.* qerq, l-attur qiegħed igħid illi l-konvenuta qarrqet bih, għax, għalkemm kienet qaltlu li kienet waqt *safe period* u għalhekk setgħu jkollhom relazzjoni intima mingħajr biża’ ta’ tqala, fil-fatt ma kinitx, u

[1] Art. 3(1), Att dwar iż-Żwieġ, Kap. 255.

hekk daħħlitu f'nassa biex ikollu jiżżewwiġha għax ikun ħariġha tqila.

L-art. 19(1)(*ċ*) tal-Kap. 255 igħid hekk:

**19.** (1) B'żieda mal-każijiet fejn żwieġ ikun null skond xi disposizzjoni oħra ta' dan l-Att, żwieġ ikun null:

(*ċ*) jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalità tal-parti l-oħra li tista' mix-xorta tagħha tfixkel serjament il-ħajja miżżewġa;

Il-qorti hija tal-fehma illi, qabel xejn, ma nġibitx prova illi l-konvenuta tassew qarrqet bl-attur, u ma kinitx ħadet xi żball fil-kalkolu taż-żminijiet. Il-fatt illi, kif jistqarr l-attur stess fl-*affidavit* tiegħu, il-konvenuta wkoll beżgħet tgħid lill-ġenituri tagħha b'dak li kien ġralha x'aktarx juri illi mhux talli ma għamlitx kollox bi pjan iżda wkoll lanqas hi ma kienet qiegħda tistenna li jiġri dak li ġara.

Barra minn hekk, ukoll jekk il-konvenuta qarrqet bl-attur, il-qerq ma kienx dwar "xi kwalità tal-parti l-oħra li tista' mix-xorta tagħha tfixkel serjament il-ħajja miżżewġa": li f'xi waqt partikolari parti tkun jew ma tkunx waqt *safe period* ma hijiex kwalità bħal dik.

L-attur qiegħed igħid ukoll illi ż-żwieġ ma jiswiex, taħt il-para. (*a*), għax inkiseb bi vjolenza morali jew biża'. Il-vjolenza morali li nisslet il-biża' fih kien it-tehdid ta' missier il-konvenuta illi jitfgħu l-ħabs jekk ma jiżżewwiġhiex.

Il-qorti temmen illi din kienet tehdida serja biżżejjed biex setgħet tiddetermina l-intenzjoni ta' l-attur. Meta kellu relazzjonijiet intimi magħha l-konvenuta kienet għadha minorenni, u għalhekk il-konsegwenzi, kemm oġġettivament u kemm soġġettivament kif seta' jipperċepihom l-attur, setgħu kienu serji. Dan il-biża' kien biżżejjed biex iġiegħel lill-attur jiżżewweġ kontra r-rieda tiegħu biex, fi kliemu, "isewwi żball" u ma jħallilux libertà mentali biex jifhem illi biex isewwi dak l-iżball kien sejjer jagħmel wieħed akbar.

Il-qorti għalhekk issib illi tassew illi l-kunsens ta' l-attur għaż-żwieġ inkiseb bi vjolenza morali jew b'biża' u għalhekk taqta' l-kawża billi, wara li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta, tgħid illi ż-żwieġ bejn il-partijiet ċelebrat fis-6 ta' Marzu 1982 ma jiswiex għax il-kunsens ta' l-attur inkiseb bi vjolenza morali u biża', kif igħid u jrid l-art. 19(1)(*a*) tal-Kap. 255.

L-ispejjeż tal-kawża għandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------